# L-Uniku Fundatur Marsi

## Is-Superjur George Grima
1941 - 1999



Il-Fundatur tal-Fergħa Ewkaristika u tal-Komunità Ulied Marija Ewkaristika twieled il-Marsa nhar it-28 ta' Lulju 1941 minn Carmelo u Giovanna Grima, neè Farrugia. George huwa l-kbir fost ħdax minn ħutu. L-aħbar tat-twelid tiegħu lil missieru waslet b'mod misterjuż. Il-Qaddis San Ġorġ Preca kien qal li l-anġlu kustodju ta' George kien il-ħabbar. George, minn dejjem kien tifel dħuli, bieżel u midħla sew tal-Knisja u għal żmien twil kien membru tas-Soċjetà tal-MUSEUM. Iż-żagħżugħ George kien jaħdem ukoll bħala ħajjat il-Furjana u filgħaxijiet kien jgħallem il-katekiżmu liż-żgħar fil-Mużew.

George kellu l-imħabba t'Alla f'qalbu u ried iwassalha fil-qalb ta' kulħadd; kellu wkoll id-don tal-kelma u wara li ħejja ruħu b'diversi korsijiet fl-istess Soċjetà, kien imur f'diversi bliet u rħula tal-gżejjer Maltin jagħmel konferenzi u jippriedka l-kelma t'Alla. Fil-Museum, George kellu l-aqwa ħabib; kien l-istess fundatur, il-qaddis San Ġorġ Preca li għaraf il-kwalitajiet sbieħ taż-żagħżugħ George u spiss kien jistiednu d-dar tiegħu fil-Ħamrun. George kien ukoll sagristan fil-kappella Ċentrali tal-MUSEUM il-Blata l-Bajda.

San Ġorġ Preca kien ħabbarlu li kellu jkun ukoll fundatur bħalu. Dan seħħ meta fl-1960, għall-aħħar t'April ġie Malta l-fundatur taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, l-E.T. Mons. Cardijn u dan għadda minn Triq il-Kbira, il-Ħamrun. San Ġorġ Preca u George Grima kienu fit-tieqa fis-sular ta' fuq u l-fundatur tal-MUSEUM sellem lil Mons. Cardijn. George induna u qallu, "Sinjuri intom żewġ fundaturi", iżda San Ġorġ Preca kien pront wieġbu: "Le, qegħdin tliet fundaturi". Dan ifisser li kien San Ġorġ Preca nnifsu li ħabbar li s-Superjur George Grima kellu jkun fundatur ukoll. Aktar tard anki San Piju ta' Pietralcina, fl-1966, qal li Ġesù kien ilu jkellmu fuq il-"Fergħa Ewkaristika" u kompla billi qal dan il-kliem: "għoddni b'membru spiritwali ta' din l-Għaqda".

Is-Superjur George, kif baqa' magħruf wara li ħareġ mill-Mużew, waqqaf il-Fergħa Ewkaristika bil-għan li Ġesù Ewkaristija jkun magħruf u maħbub aktar minn kulħadd. Għalhekk għażel il-motto **"O Ġesù Ewkaristija Kun il-Ferħ u l-Hena ta' Ħajti Kollha"**. Din hija ġakolatorja fuq is-santa ta' San Ġorġ Preca għall-prima messa. L-Arċisqof Mikiel Gonzi taha mitejn jum indulġenza.

Fi Frar tal-1965, George Grima waqqaf l-Għaqda fuq stedina ta' 'żagħżugħ liebes ilbies









fin u abjad'. Wara ħafna talb u wara li kien ħa parir mingħand il-Konfessur u Direttur Spiritwali tiegħu Mons. Salv. Grima, fundatur ukoll tal-'Qaddejja taċ-Ċenaklu', sejjaħ l-ewwel tnax-il membru, ilkoll irġiel li ġew murija lilu b'mod providenzjali. Iktar 'il quddiem meta ra li bosta persuni xtaqu jingħaqdu għat-talb, konferenzi u laqgħat oħra, fetaħ il-bibien għan-nisa wkoll. Dan in-numru tant żdied li kellu jaqsam il-membri nisa fi gruppi. Il-Fundatur għażel lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Għaqda, bħala l-ewwel adoratur ta' Ġesù fl-għar ta' Betlehem.

Il-Fergħa Ewkaristika twaqqfet uffiċjalment nhar id-9 ta' Settembru 1965, b'quddiesa, mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Emmanuel Galea flimkien maċ-Chaplain Dun Ġużepp Mifsud Bonnici fil-Kappella tas-Soċjetà tal-Museum, il-Blata l-Bajda. Nhar it-18 ta' Marzu 1982, iċ-Ċentru Ewkaristiku ġdid infetaħ u tbierek uffiċjalment mill-E.T. Mons. Ġ. Mercieca, Arċisqof ta' Malta. Iktar tard imbagħad fl-1986, is-Superjur George Grima kien imnebbaħ biex iwaqqaf komunità ta' xebbiet interni bħala adoraturi, magħrufa bħala "Ulied Marija Ewkaristika" fejn dawn filwaqt li joffru l-ħajja tagħhom b'imħabba lejn Ġesù Ewkaristija, jagħtu servizz fiċ-'Ċentru Ewkaristiku', fil-Marsa. Jingħad ukoll li 'Dar Marija Ewkaristika' f'Ħaż-Żebbuġ, fejn jgħammru 'Ulied Marija Ewkaristika', twaqqfet fuq ix-xewqa tal-Verġni Mbierka, li tagħha l-Fundatur kien tant devot. Din id-dar hi estensjoni taċ-Ċentru Ewkaristiku tal-Marsa.

Il-Fundatur miet ħesrem fiċ-Ċentru Ewkaristiku l-Marsa nhar l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, 7 ta' Mejju 1999 għal ħabta tat-3pm – fil-fatt din is-sena għadna kemm fakkarna l-għoxrin anniversarju mill-mewt tiegħu. Tajjeb ngħidu li s-Superjur George Grima miet fix-xahar iddedikat lill-Madonna li fiċ-Ċentru għandha titular bħala Marija Ewkaristika u li l-festa tagħha tiġi ċċelebrata fit-13 ta' Mejju.

**AVVIŻ IMPORTANTI:**

Il-Kappella tal-Fergħa Ewkaristika fil-Marsa qed tiftaħ kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt. Fis-6pm nibdew b'adorazzjoni segwita b'rużarju u fis-7pm tiġi ċċelebrata l-quddiesa. Kull l-ewwel Sibt tax-xahar ikun hemm il-bews tal-Madonna u kull l-ewwel Ħadd tax-xahar ikun hemm adorazzjoni fl-10:30am u quddiesa fil-11am. Inħeġġukom sabiex tattendu għall-attivitajiet tal-Fergħa Ewkaristika u tħeġġu oħrajn jiġu magħkom.

**Kuntatti:**

- Kappella Fergħa Ewkaristika, Marsa
  21 240230 / 79409423
- Dar Ulied Marija Ewkaristika, Żebbuġ
  21 461778

Inkella ssegwuna fuq:
Fergħa Ewkaristika, Marsa